# LIL TFAJJEL JIBKI

*Ta'* V. BARBARA

Ibki, tarbija, ibki,
Għax ħadlek ħuk il-ġugarell li jferrħek.
Kemm huwa safi d-dmugħ li qed iġelben
M'nn għajnejk, qatra fuq oħra,
U jċarċar ħelu ħelu
Mal-ħmura ta' ħaddejk.
Jitriegħed wiċċek ma' l-ilfiq, bħal warda
Li tfarfar ma' kull fewġa
In-nida li bil-lejl inġemgħet fuqha.
Bilqiegħda fl-art, imnikket,
Lejn ommok terfa' idejk, b'ħarsa miksura,
Biex fuq dirgħajha ttellgħek,
Iżżiegħel bik u tfarrġek,
U bil-bews tagħha
Iġġib il-hedu f'moħħok u s-sliem f'qalbek.

Jagħtini nerfgħek jiena
U nagħfsek bejn dirgħajja,
U nbuslek dawk ħaddejk bid-dmugħ imżellġa,
Xofftok ta' taħt noqroslok
Kif hi maħruġa 'l barra u mdendla 'l isfel,
Imdellka b'ta' mnifsejk l-għakar bajdani.
Għax iggustajtek, tfajjel,
U, bla ma taf, int waħdek
Sraqtli tbissima li ma nsibx wisq bħalha.

Għad jasal, tfajjel, żmienek,
Me'a l-bnedmin, dawk li ssejħilhom ħutek,
— Kajin kien hu Abel! —
Għad icaħħduk mill-egħżeż
Ħwejjeġ li tħobb u tqim:
Hena u ħelsien u jedd u xogħ'l u sliem,
Ġugarelli tad-deheb
Li ħabba ma jiswewx għax joghsfru f'ħolma,
'Ma li mingħajrhom hija infern il-ħajja.
Dmugħek
Għad jinxef fi griżmejk, qalbek timtela
Bil-mibegħda u bl-imrar;
Driegħek għad terfa'
'Il fuq, bil-ponn magħqud,
U f'sidrek tidwi tħoss għajta ta' saħta.
Ix-xrar t'għajnejk ikun jixħidlek l-għadab,
Fir-rogħda ta' xofftejk tintwera l-qilla,
U dehnek jilmaħ tajjeb
Xi tkun dil-farsa kerha
Li n-nies laqqmuha b'ċajta ħbiberija.
Mhux iżjed dmugħek li jħammiġlek wiċċek,
Iżda l-inkejja li ddardarlek ruħek,
Imbagħ'd fl-uġigħ tal-għafsa
Ta' l-id ta' ħuk li tkun tagħsarlek qalbek
Waħdek tintebaħ
Li sirt int stess il-ġugarell ta' ħjientu.